MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 1133/1997/1

Vincent Scicluna
vs
Segretarju Parlamentari ghaz-Zghazagh, Sport, Kultura u Arti

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1990 u l-1993 huwa sofra ingustizzja fis-sens li ma nghatax ix-xoghol li kien kwalifikat ghalih u li kien jappartjeni ghall-grad tieghu fid-Dipartiment ta' l-Isport.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu kif gej:-
Illi huwa kien impjegat mal-Gvern fl-1966 bhala skrivan.

Illi fl-1979 huwa kien ghamel interview b'success biex jinhatar Sport Officer I u aktar tard fl-1987 bhala Sport

Officer II u ghalhekk gie assenjat mal-Ministeru ta’ l-Isport bhala personnel officer.

Illi fl-1983 kien gie trasferit ghal Marsa Sport Grounds ma’ grupp ta’ Sport Officers ohra li flimkien kienu jmexxu l-facilitajiet sportivi f’dawk il-grounds.

Illi fl-1987 kif ezatt inbidel il-partit fil-gvern u beda jmexxi fil-Gvern il-Partit Nazzjonalista, kien beda jittehdilhom ix-xoghol kollu li kienu qeghdin naghmlu fil-qasam sportiv u dan beda jsir minn persuni ohra tal-Ministeru u ghalhekk naqra naqra spiccaw minghajr xoghol x’jaghmlu u bil-qeghda tul il-gurnata jharsu lejn xulxin.

Illi ukoll f’dak iz-zmien bhala persuna in charge kien gie mibghut is-Sur Tony Formosa, ufficjal fi grad inqas mir-rikorrent u kien imgieghel illi jiehu l-ordnijiet minghandu.

Illi f’Ottubru ta’ l-1994, ir-rikorrent flimkien ma’ tliet persuni ohra gew trasferiti ghal mal-Kunsilli Lokali mferrxa ma’ Malta, izda wara lment mill-General Workers Union dan it-Transfer thassar u regghu lura fil-Marsa Sport Grounds.

Illi anke wara dan kienet saret ir-ri-organizzazzjoni u kien gie mibghut il-Mediterranean Conference Centre.

Illi huwa hass li kien gie umiljat u degradat b’dan il-mod minhabba fit-twemmin politiku tieghu u b’hekk sofra danni kemm finanzjarji u kemm morali.

Illi huwa kien fi hsiebu jgib in sostenn ta’ l-ilmenti tieghu ix-xhieda indikat fl-elenku.

Ghaldaqstant talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji li r-rikorrenti ghandu jitqies li sofra dawn l-ingustizzji minhabba it-twemmin politiku tieghu kif jinghad fuq u ghalhekk jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jigi kumpensat ghal dak kollu li sofra, skond kif jiddeciedi l-istess Tribunal, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jinghata

kumpens f'ammont li jigi komputat li jaghmel tajjeb minhabba dan in-nuqqas.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-Segretarju Parlamentari ghaz-Zghazagh, Sport, Kultura u Arti li eccepixxa:

Illi t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Illi t-trasferimenti lamentati jidhru li saru minhabba l-esigenzi tas-servizz generali u dan kif huwa dispost fil-konfront ta' kull impjegat fis-servizz Civili.
Illi inoltre f'kaz li sehhet xi ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent l-intimat ma jahtix ghaliha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi ghalhekk jidher car mir-rikors illi l-bazi ta' l-ilment hija li r-rikorrent isostni li ma nghatax ix-xoghol li kien kwalifikat ghalih u li gie trasferit minn sezzjoni ghal ohra mid-Dipartiment ghall-iehor u li dan minghajr gustifikazzjoni minhabba twemmin politiku tieghu u dan ikkawzalu telf finanzjarju kif ukoll dwejjaq. Minn naha ta' l-intimat dan isostni illi t-trasferimenti lamentati jidhru li saru minhabba l-esigenza tas-servizz kif dispost fil-konfront ta' kull impjegat fis-Servizz Civili u inoltre f'kaz li sehhet xi

ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent, l-intimat ma jahtix ghaliha.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors u semma li hu dahal fic-Civil fl-1966.

Hu semma li dejjem ta xogholu mill-ahjar abilita` li kellu. Qatt ma gie ccensurat b'xi mod jew iehor ammonit ghal xi nuqqas waqt il-qadi ta' dmirijiet tieghu fid-Dipartimenti fejn kien serva fihom. Meta giet imwaqqfa s-Sezzjoni Sport fi hdan il-Ministeru tax-Xogholijiet u Sport bejn 1976 u 1977 hu kien wiehed mill-pijunieri ta' din is-sezzjoni gdida u kien maghzul ghax kellu l-fama li jwettaq dak li jigi mitlub lilu kif ukoll ghaliex kellu l-isport ghal qalbu u esperjenza fl-amministrazzjoni sportiva. Ir-rwoli tieghu kienu principalment li jippromwovi l-isport, jintroduci dixxiplini sportivi godda fil-pajjiz, u jahdem fuq il-ko-ordinazzjoni tal-kostruzzjoni tal-progetti sportivi godda. Fosthom l-Istadium Nazzjonali Ta' Qali, il-Korsa taz-Zwiemel il-Marsa, u facilitajiet sportivi f'bosta lokalitajiet ohra.

Kien bejn l-1977 u 1987 jifforma parti minn kumitati sportivi fejn il-Gvern kien jinnomina r-rapprezentanti. Izda gara li fl-1987 l-atmosfera nbidlet mill-lejl ghan-nhar u ma baqax aktar fdat. L-ewwel pass kien li gie mibghut mill-Ministeru biex jikkmanda fuq is-sezzjoni ta' l-isport Tony Formosa, ufficcjal li sa dak iz-zmien kien jahdem Teacher fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u kien ta' grad inqas minn tieghu. Minkejja l-protesti tieghu mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru xorta wahda kien mistenni li r-rikorrent joqghod ghall-ordnijiet ta' wiehed inqas minnu. Il-grad ta' Teacher hu fi skala Nru 9 waqt li l-grad tieghu ta' Sports Officer II qieghed fi skala Nru 5.

Gie mnehhi minn kull kumitat tal-Gvern fejn kien jifforma parti minnhom bhal Racing Club tal-Marsa u l-Kumitat Festi Nazzjonali. Mir-Racing Club kellu allowance ta' Lm20 fix-xahar li sussegwentement telghet ghal Lm75 u posti fil-kumitat kien hadu Tony Formosa. Ftit ftit ittiehidlu x-xoghol kollu b'mod li ma kien assenjat xejn xoghol aktar u dan affettwah psikologikament. Spicca f'kamra b'erba' hitan ta' kamra zghira li l-anqas tissejjah ufficcju imrassas

ma' tlieta min-nies ohra li kienu fl-istess sitwazzjoni bhalu. Bdew l-ispezzjonijiet biex jaraw hux qeghdin fuq ix-xoghol forsi jaghtuhom xi charge. Spicca biex il-haddiema li kienu fis-Sezzjoni Sport u li kienu tahtu l-anqas biss bdew jikkalkulawh u tilef il-kuntatt li kellu ma' dawk in-nies konnessi ma' ghaqdiet u entitajiet sportivi. Hass li gie ridikolat u umiljat.

F'Ottubru 1994 kien baghat ghalih is-Sur Godfrey Demarco u qallu li minhabba ezercizzju gdid kien sejjer jigi trasferit il-Kunsill Lokali tal-Mosta u li s-Sindku jew ir-rapprezentant tieghu kellu jiccertifika l-attendance sheet tieghu. Il-post li kien gie offrut bhala ufficcju fil-Kunsill Lokali tal-Mosta kien parti mid-desk/counter tar-reception ghax hadd ma kien jaf li kien sejjer hemm u l-anqas kellhom post fejn joqghod.

Wara saru protesti mill-Union u dan minhabba ukoll li l-Kunsill Lokali ma jaghmilx parti mis-Servizz Civili. Wara kellu struzzjonijiet mill-Union biex jerga' lura il-Marsa Sports Complex u t-transfer thassar.

F'April 1996 gie mibghut il-Mediterranean Conference Centre ghaliex l-Assimilation Agreement tal-grad tieghu kien jghid li hu kien "liable to transfer to any department of Government". Kien obda l-ordni tal-Head of Administration fil-Ministeru avolja ma kellu l-ebda esperjenza tax-xoghol li kien diehel ghalih ghax dan kien xoghol ta' kap tat-taqsima Accounts, Administration u Personnel ta' kumpless li kien jinkludi Centru ghall-konferenzi, teatru u restaurant u li kien jitmexxa fuq bazi kummercjali u mhux bhala dipartiment. Meta kien hemmhekk kien innota li c-Chief Executive ma kienx impjegat tal-Gvern izda meta nforma b' dan lis-Segretarju Permanenti, dan qallu li xorta wahda kellu jqiesu bhala kap tad-dipartiment.

Wara li kien mar il-Mediterranean Conference Centre sar jaf li gie mibghut hemmhekk biex jiehu post ufficcjal ta' grad inqas minnu u cioe` Joe Church li kien Principal Officer li rieduh il-Ministeru. Sostna wkoll li l-Mediterranean Conference Centre ma kenitx Dipartiment

tal-Gvern u ghalhekk hu kien gie assenjat f'post li ma kienx Dipartiment tal-Gvern u t-transfer ma kienx "in accordance with its specific provision" u cioe` mal-Assimilation Agreement. Matul dan iz-zmien bhala salarju kien baqa' l-istess, ma kienx hemm tibdil, pero` kien tilef l-allowance li kellu minghand il-Gvern tal-Marsa li kien LM75 fix-xahar minn 1987 'il quddiem. Dan il-kumitat kien jappuntah il-Ministeru u kien jahdem fuq bazi annwali.

Xehed Charles Baldacchino li semma li kien sar Sports Officer II fl-1979 li hija kariga ekwivalenti ghal dik ta' Assistant Head. Semma li jaf lir-rikorrent ghal zmien twil fis-sezzjoni tieghu. Kienu jahdmu l-Public Works u din is-sezzjoni ta' l-isports kienu bdewha huma flimkien ma' Tony Ghio, Lino Mallia u Edward Previ. Il-heads kienu Lino Mallia u Tony Ghio.

Sal-1987 kienu baqghu ghaddejjin b'din is-sezzjoni pero` fl-1987 kien mar Tony Formosa li kien fi grad anqas u bdew jehdulhom ix-xoghol u Formosa li kien ghadu head of school beda jmexxi s-section taghhom. Fl-ahhar gabu lir-rikorrent u lix-xhud u ohrajn ma jaghmlu xejn. Wara saru hafna inspections. In segwitu kien hemm attentati biex in-nies hemmhekk jigu trasferiti u darba minnhom kienu tawhom transfer ghal mal-Kunsilli Lokali, lil Vince Scicluna l-Mosta u lix-xhud iz-Zurrieq. Ghalkemm ma kienx hemm xoghol ghalihom u l-anqas biss skrivanija. Il-Kunsilli Lokali kienu baqghu skantati meta biss rawhom.

Xehed John Demanuele li semma li lir-rikorrent kien jarah il-Marsa meta kien jahdem f'Isports Section tal-Marsa. Ix-xhud kien mar fl-1991 fis-Segretarjat Parlamentari mmexxi minn Dr. Michael Frendo, fil-parti amministrattiva bhala Dipartiment ghax dak iz-zmien ma kienx ghad hemm Dipartiment taz-Zghazagh u Sport. Dak iz-zmien is-sistema kienet li kien hemm Managers u kien hemm Manager Sport, Manager Youth u hu kien jokkupa l-kariga ta' Manager Youth ghalkemm din ufficcjalment ma kenitx tezisti din il-kariga. Proprjament il-kariga ta' Head of Sports li Tony Formosa kien jghid li kellu ma kenitx tezisti. Kien hemm ukoll Manager Sports is-Sur Godwin Zammit.

Illum il-gurnata l-kariga tar-rikorrent hija ta’ Sports Officer II pero` unofficially jaghmel xoghol ta’ Assistent Direttur ghalkemm il-kariga ta’ Assistent Direttur ma tezistix fid-dipartiment taghhom u dawn huma kollha Skala 5. Ikkonsidra x-xoghol tar-rikorrent bhala xoghol tajjeb. Mistoqsi dwar ix-xoghol li kien jaghmel fl-1991 kienx xoghol tal-livell tieghu jew le qal li ghalkemm ma jafx wisq, jahseb li x-xoghol li kien qed jinghata kien below his grade.

Xehed Godfrey DeMarco li kien Permanent Secretary minn 1992 fil-Ministeru taz-Zghazagh u Kultura u ghalhekk kienet tikkomprendi l-isports ukoll. Semma li jaf lir-rikorrent meta kien fis-sezzjoni tal-isport, hu lahaq Permanent Secretary fis-sens li hu sabu hemmhekk jokkupa l-kariga ta’ Sports Officer II. Kien hemm Kap tas-sezzjoni Manager Sports Tony Formosa. Semma li zmien minnhom kien prova li kull Sports Officer jaghmlu inkarigat minn xi distretti pero` kellu diffikulta` ghax riedu jsibu ufficcju u mhux joperaw mill-Marsa izda kienu speraw li jsibu l-koperazzjoni tal-Kunsilli Lokali li dawn joffrulhom ufficcju. Kien hemm persuna assenjata ghad-distrett tal-Mosta. Semma li fil-fatt ir-rikorrent kien gie trasferit il-Mosta u dam xi gurnata, jumejn hemmhekk u semma li kien qieghed f’xi kuridur u ovvjament ma kienx post xieraq minn fejn jopera. Kien hemm ilment tal-General Workers Union.

Il-partijiet talbu wkoll li d-deposizzjonijiet moghtija fiz-zewg processi numru 279/97 u 355/97 jiffurmaw parti intergali minn dan il-process. Fosthom hemm ix-xhieda ta’ John Demanuele. Dan semma li mill-verifiki tal-fatti tas-Sur Formosa huwa kien sab ittra tas-Sur Fearne mibghuta lis-Segretarju Kummissjoni tal-Investigazzjoni tal-Ingustizzji tal-20 ta’ Jannar 1994 li tirreferixxi ghall-kaz tas-Sur Formosa. Fl-interview hu kien gie t-tmien wiehed. L-applikazzjoni kienet ghal Sports Officer I in the Education Department. Semma li hemm ittra tas-Sur Fiorini Lowell li qed jikteb lill-Acting Head Youth and The Arts through the Minister for Youth and the Arts fejn qed jghidlu fl-24/9/92 “Please refer to previous correspondence of subject in caption u l-caption tghidlek Commission for the

Investigation of Injustices Mr. Anthony Formosa; It has been approved (29/4/92) on the recommendation of the Public Service Commission that Mr. Anthony Formosa be appointed Sports Officer II with effect from 1st October 1987. Id-data taghha din 6th May 1992. In the circumstances you are instructed to implement the Commission' s recommendation in respect of Mr. Formosa. Please keep this office informed when final action is taken in this regard. Il-kariga ta' Acting Head of Sports li kien igib is-Sur Formosa qatt ma giet moghtija lilu. Fil-fatt din il-kariga ma tidhirx bhala wahda mill-karigi li jinghataw.

Richard Saliba Agent Segretarju tal-Public Service Commission semma li l-PSC kienet accettat ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

**KONKLUZJONIJIET:**
Jibda biex jinghad illi certament Anthony Formosa ma seta qatt ikun f'posizzjoni li jaghti ordnijiet lir-rikorrent ghax anke meta wiehed stess iqis id-deliberazzjonijiet tal-Kummissjoni li kienet spiccat li bhala rimedju rakkomandat li Formosa "li almenu minn 1958 dejjem ghamel xoghol b'konnessjoni mal-isports u li minn 22/5/1987 gie addirittura nkarigat biex imexxi is-Sezzjoni ta' L-isport fi hdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni – anke fuq Sports Officer II li kien in sella – ghandu jinghata l-kariga ta' Sports Officer II b'effett mill-1 ta' Ottubru 1987." Anke meta wiehed iqis din il-konsiderazzjoni hu qatt ma seta' jigi fil-posizzjoni li seta' jaghti legalment ordnijiet lir-rikorrent.

Jigi osservat ukoll illi ghalkemm il-Kummissjoni kien dehrilha li Formosa kien gie ingustament imcahhad minn promozzjoni ghall-Sports Officer II fl-1979 dan inghata l-kariga b'effett minn 8 snin wara u cioe` mill-1 ta' Ottubru 1987 u ghalhekk id-data effettiva tal-promozzjoni ta' Formosa hija din id-data u cioe` l-1 ta' Ottubru 1987.

Kif irrizulta mill-process fl-ismijiet Rose Moran vs Direttur taz-Zghazagh u Sports deciz fl-14 ta' Marzu 2002 u kif

semma x-xhud Tony Ghio, Formosa kien dahal fid-Dipartiment xi xahar u nofs, xahrejn wara l-elezzjoni ta' l-1987. Fil-fatt hu kien teacher u kien ghadu anqas biss ha l-appointment ta' Sports Officer II. Demanuele xehed li l-kariga ta' Acting Head of Sports li kien igib Formosa qatt ma giet moghtija lilu. Fil-fatt din il-kariga ma tidhirx bhala wahda mill-karigi li jinghataw.

Infatti dan it-Tribunal l-14 ta' Marzu 2002 fis-sentenza ta' Rose Moran kontra d-Direttur taz-Zghazagh u Sports kien qal:

"Dan kollu jwassal biex inholqot anomalija serja meta kontra dak kollu li suppost, Tony Formosa tpogga fil-pozizzjoni li fil-fatt tpogga fiha xi xahar u nofs wara l-elezzjoni minghajr ma dan seta' jsir liema kariga hadha fis-6 ta' Mejju 1992 b' effett mill-1 ta' Ottubru 1987. Dan ifisser li ghal hames snin dam jokkupa post li mhux suppost okkupa u li, kif irrizulta, influwenza b' mod serju lill-Kummissjoni tant illi fid-decizjoni taghha li tirrakkomanda li Formosa jinghata l-kariga ta' Sports Officer II hadet in konsiderazzjoni wkoll b'mod qawwi l-fatt li Formosa gie addirittura inkarigat biex imexxi s-sezzjoni tal-isports fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni – anke fuq Sports Officer II li kien in sella. Li kieku l-ingustizzja li saret meta Formosa tpogga fid-dipartiment biex jiehu xoghol li dak iz-zmien kien jaghmel Ghio, tali decizjoni tal-Kummissjoni probabbilment qatt ma kienet tittiehed u r-rikorrenti ma kenitx issib it-triq maghluqa meta rtira Mallia kif fil-fatt sabitha maghluqa. Ghalhekk id-decizjoni ingusta ta' meta Formosa tpogga jmexxi s-sezzjoni tal-isports wasslet ghall-ingustizzja li effettivament sofriet r-rikorrenti fil-mument li rtira Mallia."

Minn dan il-kliem kwotata minn dik is-sentenza jirrizulta wkoll li la Formosa l-kariga hadha fis-6 ta' Mejju 1992 b'effett mill-1 ta' Ottubru 1987 certament li minn 1987 sa l-1992 l-ordnijiet kollha li hu ta lir-rikorrent odjern u cioe` lil Vincent Scicluna b'mod illegali u abbussiv.

Ir-rikorrent inoltre ilmenta li ma nghatax ix-xoghol li kien ikwalifikat ghalih u li kien jappartjeni ghal grad tieghu.

Irrizulta fil-kors tal-kawza illi effettivament anke minn xhieda ohrajn bhal DeMarco u Demanuele illi r-rikorrent ma kienx fil-fatt jaghmel ix-xoghol li suppost kien tal-livell tieghu. Irrizulta wkoll li r-rikorrent inbaghat jaghmel xoghol fuq l-isports fil-Kunsill Lokali tal-Mosta ghalkemm ghal zmien qasir hafna fejn effettivament inghata xoghol prattikament ta' receptionist. Irrizulta wkoll illi r-rikorrent inbaghat jaghmel xoghol fil- Mediterranean Conference Centre li l-anqas biss huwa Dipartiment tal-Gvern biex jaghmel xoghol li precedentement kien jaghmlu ufficcjal ta' rank anqas minnu.

Issa r-rikorrent ilmenta li fil-fatt hu gie trasferit diversi drabi u dana minghajr raguni valida. Ir-rikorrent gie trasferit il-Mosta u dana haga li ma setghetx issir mal-Kunsilli Lokali li l-anqas biss kien Dipartiment tal-Gvern. Tant kemm hu hekk li wara sottomissjonijiet tal-General Workers Union ir-rikorrent rega' gie miehud lura fid-Dipartiment. In segwitu gie anke trasferit ghal Mediterranean Conference Centre. Hawn ukoll ma jirrizultax li l-Mediterranean Conference Centre kienet kunsidrata bhala wiehed mid-Dipartimenti tal-Gvern.

L-intimat eccepixxa illi t-trasferimenti tar-rikorrent kienu skond l-esigenzi tas-servizz generali.

Fil-kawza fl-ismijiet "Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern" deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' April, 1998, intqal:

"L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista' tuza' bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita' tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati." [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98]

Fil-fatt ma jirrizultax illi dawn l-esigenzi tas-servizz verament ezistew fil-kaz tar-rikorrent u ghalhekk it-Tribunal isib illi t-trasferimenti ma sarux kif suppost. It-Tribunal jiddeplora wkoll l-ordni li giet moghtija li r-rikorrent

li kien fi Skala 5 kellu joqghod ghall-ordnijiet ta’ persuna li kienet fi skala 9.

Interessanti huwa dak li jghid fl-affidavit tieghu ir-rikorrent a fol 16 tal-process li jaqra hekk: “Domt hemmhekk (Mediterranean Conference Centre) ghal xi 9 xhur u matul 3 jew 4 minnhom il-persuna li kienet intlabet tiehu post ic-Chief Executive cioe` s-Sur Edward Zarb Mizzi l-anqas kien impjegat tal-Gvern. Meta nfurmajt b’dan lis-Segretarju Permanenti dan qalli li xorta wahda kelli nqisu bhala kap tad-Dipartiment.”

Ir-rikorrent semma li kawza ta’ dak li kien qieghed jigri hu tnehhi mill-Kumitat tar-Racing Club li fih kellu kumpens ta’ Lm75 fix-xahar.

Dan kollu jaghmilha cara illi saru diversi ingustizzji fil-konfront tar-rikorrent u dawn ingustizzji kif definiti fil-Kap 394 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat, u peress li jsib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ erbat elef lira [LM4000].

Spejjez kontra l-intimat.